

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/2525

tal-21 ta' Diċembru 2022

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta' Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Jannar 2016, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2016/44.
- (2) Wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-627/20 ⁽²⁾, jenħtieġ li titfassar l-entrata għal entità elenkata.
- (3) Jenħtieġ għalhekk li l-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
M. BEK

⁽¹⁾ ĠUL 12, 19.1.2016, p. 1.

⁽²⁾ Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Settembru 2022, *Libyan African Investment Company (Laico) v. Council*, T-627/20.

ANNEX

Fl-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44 (Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 6(2)), Parti B (Entitajiet), tiġhassar l-entrata li ġejja:

“1. Libyan Arab African Investment Company — LAAICO (magħrufa wkoll bħala LAICO)”.
